MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 238/2004/1

**Joseph Boldarini u Frances Cutajar**

**v.**

**Mary Mallia, Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell li jittratta dwar divizjoni parzjali ta' assi ereditarju u dwar il-procedura applikabbli f'kaz ta' sentenza fejn ikun hemm *omissa decisione*.

2. Il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

- Permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 28 ta' April 1979, Enrico Boldarini u martu Mary neè Vella, il-genituri tal-partijiet kontendenti, hallew lil xulxin u cioè lis-superstiti fosthom, b'titolu ta' legat l-uzufrutt generali ta' l-assi taghhom kollu mobiljari w immobiljari, korporali w inkorporali ta' kull xorta u natura, filwaqt li ezentaw lill-istess superstiti fosthom mill-obbligu ta' l-inventarju u tal-kawzjoni preskritti mil-ligi; u waqt li ezentaw lil uliedhom kollha minn kwalunkwe obbligu tal-kollazzjoni u minn kull xorta ta' imputazzjoni fid-divizjoni futura ta' l-assi taghhom, innominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom fi kwinta parti kull wiehed lill-erba' uliedhom Joseph Boldarini, Frances Cutajar, Mary Mallia u Tancred Boldarini bis-sostituzzjoni volgari u bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom. Fir-rigward tar-rimanenti kwinta parti ta' l-assi ereditarju taghhom il-konjugi Boldarini iddisponew *inter alia* li din ghandha tigi gawduta b'titolu ta' usufrutt tul hajjitha minn binthom Suor Gian Francesca Boldarini fis-sekolu Antoinette tas-Sorijiet Frangeskani, bl-ezenzjoni mill-obbligu ta' l-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni imposta mil-ligi. Sabiex ma tigix mizmuma id-divizjoni bejn l-eredi taghhom minhabba l-legat ta' usufrutt imholli favur binthom Suor Antoinette Boldarini, it-testaturi ddisponew illi l-kwota rapprezentanti l-kwinta parti indiviza dovuta lil din binthom tkun kostitwita minn flus biss jew titoli rapprezentanti flus;
- Mary Boldarini mietet fis-16 ta' April 1999;
- Fl-4 ta' Dicembru 2002, Enrico Boldarini ghamel testment iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt li permezz tieghu rrevoka u hassar it-testment unica charta datat 28 ta' April 1979 ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu, u filwaqt li ezenta lill-uliedu minn kwalunkwe obbligu tal-kollazzjoni u minn kull xorta ta' imputazzjoni fid-divizjoni futura ta' l-assi tieghu, istitwixxa bhala eredi universali tieghu lil hames uliedu Joseph, Frances Cutajar, Tancred, Mary Mallia u Suor Antoinette Boldarini, ahwa Boldarini, fi kwoti ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u d-dixxendenti rispettivi

taghhom f'kaz li xi hadd minnhom imut qabel it-testatur, u in mankanza ta' ulied jew dixxendenti bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom;

- Enrico Boldarini miet fit-22 ta' Marzu 2003;
- In segwitu ghall-mewt ta' Mary Boldarini l-ahwa Boldarini, inkluza Suor Antoinette Boldarini, qasmu s-somma ta' Lm8,000 bejnietom, b'dana li kull wiehed u wahda minnhom ircieva s-somma ta' Lm1,600, u l-istess ahwa Boldarini, izda eskluza Suor Antoinette Boldarini, qasmu xi oggetti tad-deheb bejniethom. Enrico Boldarini kien ta gizirana tad-deheb li Suor Antoinette Boldarini qabel ma sehhet il-qasma ta' l-oggetti tad-deheb bejn l-ahwa Boldarini l-ohra;
- Skond Joseph Boldarini u Frances Cutajar id-divizjoni ta' l-oggetti tad-deheb u d-divizjoni tas-somma ta' Lm8,000 saru b'mod arbitrarju u fihom ippartecipat ohthom Suor Antoinette Boldarini minkejja li skond it-testment ta' ommhom Mary Boldarini, din ma kellhiex dritt li taghmel dan;
- Joseph Boldarini u Frances Cutajar ghalhekk jippretendu li hemm bzonn illi ssir ir-restituzzjoni fil-massa ereditarja ta' dak kollu li l-ahwa Boldarini hadu arbitrarjament wara l-mewt ta' ommhom u in segwitu jsiru d-divizjonijiet ta' l-ereditajiet ta' Mary Boldarini u Enrico Boldarini rispettivament skond it-testment unica charta datat 28 ta' April 1979 u t-testment datat 4 ta' Dicembru 2002;
- Ghalkemm Joseph Boldarini u Frances Cutajar interpellaw diversi drabi lil huthom l-ohra Mary Mallia, Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini, anke permezz ta' protest gudizzjarju datat 23 ta' Jannar 2004, biex issir id-divizjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri taghhom skond l-imsemmija testmenti, dawn baqghu inadempjenti u d-divizjonijiet baqghu ma sehhewx;
- Permezz ta' kontro-protest datat 20 ta' Frar 2004 Mary Mallia, Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini rrespingew l-allegazzjonijiet avvanzati minn Joseph Boldarini u Frances Cutajar fil-protest gudizzjarju taghhom datat 23 ta' Jannar 2004, u filwaqt li poggewhom in dolo, mora u culpa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, gharrfuhom illi huma minn dejjem kienu pronti li jaddivjenu

ghall-qasma ta’ l-ereditajiet tal-genituri taghhom skond il-ligi;

- Fis-6 ta’ April 2004 Joseph Boldarini u Frances Cutajar ipprocedew bl-azzjoni odjerna fil-konfront ta’ Mary Mallia, Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini.

**Talbiet u Eccezzjonijiet**

3. L-atturi Joseph Boldarini u Frances Cutajar talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex: (**i**) tordna li ssir ir-restituzzjoni fil-massa ereditarja ta’ kull ma hadu arbitrarjament il-partijiet wara l-mewt ta’ ommhom; (**ii**) tordna li ssir id-divizjoni ta’ l-eredità ta’ Mary Boldarini, billi jigi diviz l-attiv tas-successjoni taghha f’erba’ partijiet f’assoluta proprjetà lil Joseph Boldarini, Frances Cutajar, Tancred Boldarini u Mary Mallia u l-hames parti b’titolu ta’ usufrutt u konsistenti fi flus biss lil Suor Antoinette Boldarini; u (**iii**) tordna li ssir d-divizjoni tal-eredità ta’ Enrico Boldarini, billi jigi diviz l-attiv tas-successjoni tieghu f’hames partijiet ugwali f’assoluta proprjetà lil Joseph Boldarini, Frances Cutajar, Tancred Boldarini, Mary Mallia u Suor Antoinette Boldarini, u li, jekk ikun hemm bzonn, tordna ghal dan l-iskop in-nomina ta’ periti. Bl-ispejjez (ara fol. 1 *tergo* tal-atti).

4. In risposta ghat-talbiet attrici l-konvenuti Mary Mallia, Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini eccipew (fol. 17) illi: (**i**) huma qatt ma opponew u dejjem insistew li d-divizjoni ta’ l-eredità tal-genituri taghhom issir skond ix-xewqa taghhom kif regolat fit-testmenti tat-28 ta’ April 1979 u ta’ l-4 ta’ Dicembru 2002; skond il-konvenuti huma l-atturi li qeghdin ifettqu biex jostakolaw id-divizjoni ta’ l-eredità tal-genituri taghhom; (**ii**) assolutament mhux minnu li l-konvenuti ma riedux jersqu ghad-divizjoni ta’ l-ereditajiet tal-genituri taghhom u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza skambjata u l-kontro-protest datat 20 ta’ Frar 2004; (**iii**) mhux minnu li l-konvenuti arbitrarjament hadu xi oggetti wara l-mewt ta’ ommhom ghaliex dawn tqassmu fil-presenza ta’ missierhom u bil-kuntentizza ta’ kulhadd; ghaldaqstant l-ewwel talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha; u illi (**iv**) il-kawza gietipprezentata biex tkabbar l-ispejjez kif jidher mill-atteggjament ta’ l-atturi u

mill-fatt li l-kawza giet istitwita gheluq is-sena mill-mewt ta' Enrico Boldarini; ghaldaqstant l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi[1].

## Sentenza appellata

5. B'sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2007 il-Prim Awla tal-Qorti Civili waslet ghas-segwenti konkluzjoni: **"Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm iz-zewg nahat ighidu li ma opponewx id-divizjoni fil-fatt ma kienx hemm qbil dwarha u dan b'referenza kemm ghall-ewwel eccezzjoni kif ukoll ghat-talba attrici. Meta l-Qorti tqis ic-cirkostanzi kollha ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u t-talbiet tal-atturi tiddikjara li mhix qed tilqa' t-talba tal-atturi li ssir restituzzjoni fil-massa ereditarja ta' kull ma hadu l-partijiet izda biss tilqa' t-talba limitatament ghall-fatt li Suor Boldarini ghandha tiddepozita l-flus (Lm1600) f'wiehed mill-banek lokali b'mod li jkollha l-uzufrutt ta' dan id-depozitu. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez kwint kull wiehed bejn il-partijiet."**

6. L-Ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Illi f'din il-kawza inghad li Enrico Boldarini u martu Mary nee` Vella l-genituri tal-kontendenti ddisponew mill-eredita` taghhom f'testment "*unica charta*" fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 28 ta' April 1979 u in segwitu Enrico Boldarini kien irrevoka dan it-testment ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu u ghamel testment iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt datat 4 ta' Dicembru 2002. It-tnejn mietu. Jinghad li fit-testment *unica charta* tat-28 ta' April, il-genituri tal-partijiet waqt li ezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni istitwew bhala werrieta universali taghhom fi kwinta parti kull wiehed lill-erba' uliedhom Joseph, Tancred, Mary Mallia u Frances Cutajar, bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom waqt li lil binthom Suor Antoinette Boldarini hallewlha l-**

[1] Bhala fatt giet epprezentata nota ta' l-eccezzjonijiet minn Mary Mallia a fol. 17 tal-process, izda Tancred Boldarini u Suor Antoinette Boldarini aderew ma' dawk l-eccezzjonijiet waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2005 (fol.54).

**kwinta parti taghha b'titolu ta' usufrutt. Din il-kwinta parti kellha tkun kostitwita biss minn flus jew titoli rappresentanti flus. Fit-testment ta' Enrico Boldarini datat 4 ta' Dicembru 2002, gie revokat u mhassar it-testment *unica charta* datat 28 ta' April 1979, ghal dak li jirrigwarda s-successjoni tieghu, u istitwixxa bhala eredi universali tieghu lil hames uliedu l-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom. Wara l-mewt ta' ommhom Mary Boldarini kienet saret divizjoni arbitrarja.**

**"L-atturi talbu li l-Qorti tordna li ssir ir-restituzzjoni fil-massa ereditarja ta' kull ma hadu arbitrarjament il-partijiet wara l-mewt ta' ommhom, u li ssir id-divizjoni tal-eredita` ta' Mary Boldarini, u ta' Enrico Boldarini.**

**"Il-konvenuti sostnew li ma opponewx id-divizjoni u ziedu li kienu l-atturi li kienu qeghdin ifettqu biex jostakolaw id-divizjoni li qeghdin jitolbu. Inghad li mhux minnu li l-konvenuti arbitrarjament hadu xi oggetti wara l-mewt ta' ommhon ghaliex dawn tqassmu fil-prezenza ta' missierhom u bil-kuntentizza ta' kulhadd.**

**"L-atturi sostnew li huma riedu divizjoni skond il-volonta` tal-genituri taghhom u li l-kawza giet intavolata minhabba li d-disposizzjonijiet testamentarji ma gewx segwiti u ghamlu emfasi fuq il-fatt li fit-testment *unica charta* kien hemm biss l-uzufrutt favur binthom Sour Antoinette u dan fi flus.**

**"Ukoll l-atturi sostnew li d-divizjoni tal-mobbli ma saritx kif suppost – haga kontestata mill-konvenuti. F'dan ir-rigward il-Qorti thoss li ma hemm xejn li rrenda dik id-divizjoni ta' mobbli illegali w irregolari hlief ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel dwar il-flus. L-atturi sostnew li d-divizjoni tal-mobbli kellha ssir fil-prezenza tan-Nutar izda dan ma rrizultax b'mod konkluziv quddiem il-Qorti. Strettament huwa veru li s-Soru kellha tiehu sehemha fi flus izda meta saret il-qasma tad-deheb ma kienx qieghed jigi kunsidrat sehemha f'uzufrutt. Inghad li nghatat gizirana tad-deheb [li din tiswa mal-mitt lira kollox skond xhieda u**

**li skond stima ta' Ray's Jewellery Limited tal-31 ta' Mejju 2005 – Dok MM1 il-valur huwa ta' Lm58.50, u liema gizirana kienet nofs bin-nofs tal-missier u tal-omm]. Zgur li l-uzufrutt tal-kwint tal-mobbli jissupera l-valur tal-gizirana. Issemmew diversi oggetti ohra bhal-lanca u l-ghodda [ara wkoll dawk elenkati fin-nota tad-29 ta' Awissu 2005] izda fil-fehma tal-Qorti l-entita` taghhom hija zghira u saret fi zmien bil-qbil u li sostanzjalment saret divizjoni ekwa.**

**"L-aspett tal-flus huwa totalment differenti. Suor Antoinette inghatat LM1600 [1/5 ta' ½ ta' LM16000]. Dan hu ammess mill-istess Suor Boldarini. Fil-fatt dwar is-sehem li gie mill-eredita` ta' l-omm skond it-testment "unica charta" tat-28 ta' April, il-genituri tal-partijiet waqt li ezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni istitwew bhala werrieta universali taghhom fi kwinta parti kull wiehed lill-erba' uliedhom Joseph, Tancred, Mary Mallia u Frances Cutajar, bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom waqt li lil binthom Suor Antoinette Boldarini hallewlha l-kwinta parti taghha b'titolu ta' usufrutt. Din il-kwinta parti kellha tkun kostitwita biss minn flus jew titoli rappresentanti flus.**

**"Kien irrizulta wkoll li kien hemm izjed flus minn dawk is-Lm16,000. Infatti jidher li kien hemm xi Lm2000 sa Lm2800 flus Maltin ohra kif ukoll xi Lm3000 valur ta' flus Maltin izda li kienu depozitati barra minn Malta. Dan iwassal ghall-fatt li s-sehem f'uzufrutt tas-soru kellu jkun akbar ghax jekk jizdiedu l-Lm5000 l-ohra fuq imsemmija nofs kienu jappartjenu lill-omm u nofs lill-missier b'dan li l-kwinta parti tal-eredita` tal-omm tikkonsisti f'Lm500 ohra. Dwar l-eredita` tal-missier Suor Boldarini ghandha dritt tippartecipa ugwalment ma' kullhadd. L-akkuza tal-atturi li Suor Boldarini kienet ikkonvinciet lil missierha biex ibiddel it-testment hija irrilevanti ghall-kaz in ezami minhabba li jekk riedu l-atturi setghu istitwew il-proceduri opportuni ghall-impunjazzjoni tat-testment.**

**"Il-Qorti ma tistax hlief tesprimi d-dizappunt qawwi taghha ghall-mod kif il-kontendenti qaghdu jfettqu fuq**

**ammonti zghar (hlief ghall-ammont ta' Lm1600 msemmi) u naturalment trid tqis dan anke ghall-iskop tal-kap tal-ispejjez."**

## Appell

7. L-atturi appellaw minn din is-sentenza. L-appell taghhom huwa essenzjalment ibbazat fuq l-aggravju generali li l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talbiet attrici. B' mod aktar specifiku l-ewwel aggravju ta' l-appell tal-atturi jikkonsisti filli hemm numru ta' inkongruwenzi fis-sentenza appellata li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taghti sentenza mhux ghal kollox korretta.

8. Fil-fehma taghhom *l-fatt biss illi l-ewwel talba taghhom giet milqugha parzjalment hija prova cara li huma rnexxilhom jippruvaw illi kienet saret divizjoni arbitrarja wara l-mewt ta' omm il-partijiet. Kieku l-ewwel Qorti ma accettatx din it-tezi ma kienitx tilqa parzjalment din it-talba. Gie ppruvat ampjament mill-appellanti illi din id-divizjoni arbitrarja ma kienitx tinvolvi biss flus izda kienet tinvolvi affarijiet ohra u ghalkemm l-ewwel Qorti rrilevat dan il-fatt u rrikonoxxiet illi Suor Boldarini kellha tirritorna l-flus illi hadet, hija qalet:- "Issemmew diversi oggetti ohra bhal lanca u l-ghodda (ara wkoll dawk elenkati fin-nota tad-29 ta' Awissu 2005) izda fil-fehma tal-Qorti l-entita taghhom hija zghira u saret fi zmien bil-qbil u li sostanzjalment saret divizjoni ekwa." Kif tista' l-Ewwel Qorti tghid li saret "sostanzjalment" divizjoni ekwa? Il-fatt illi l-ewwel Qorti ordnat lil Suor Boldarini tirritorna l-flus illi hadet juri illi d-divizjoni ma kienitx ekwa. Biex din id-divizjoni tkun ekwa kellha tinvolvi l-affarijiet kollha mobbli, (u immobbli) li jaghmlu parti mill-attiv tal-genituri tal-partijiet, izda kienet issir bil-kunsens u bil-buona volonta tal-partijiet kollha. Sitwazzjoni li certament ma tezistix ghaliex kieku ma kienitx tinfetah din il-kawza* [2].

9. L-atturi appellanti jsostnu illi ladarba l-ewwel Qorti ordnat illi l-konvenuta Suor Antoinette Boldarini tiddepozita l-flus illi hija hadet huwa bizzejjed biex jinghad

[2] Fol. 160 tal-process.

illi d-divizjoni ta’ l-eredità ta’ ommhom Mary Boldarini ghandha terga’ issir.

10. Bit-tieni aggravju specifiku taghhom l-atturi appellanti jilmentaw mill-fatt illi ghalkemm huma talbu lill-ewwel Qorti biex tordna d-divizjoni ta’ l-eredità ta’ ommhom Mary Boldarini skond it-testment tat-28 ta’ April 1979 u biex tordna id-divizjoni ta’ l-eredità ta’ missierhom Enrico Boldarini skond it-testment ta’ l-4 ta’ Dicembru 2002, u mill-provi prodotti rrizulta li ghad hemm numru ta’ affarijiet mobbli w immobbli kif ukoll flus depositati l-bank li ghadhom ma gewx divizi bejniethom, dawn it-talbiet taghhom ma gewx milqugha minn dik il-Qorti.

11. Ghalhekk bir-rikors ta’ l-appell taghhom l-atturi appellanti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 29 ta’ Mejju 2007 billi tilqa’ fl-intier taghhom it-talbiet attrici kollha; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

12. In risposta ghat-talba ta’ l-atturi appellanti, il-konvenuti appellati jsostnu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Preliminarjament jikkontendu li l-appell ta’ l-atturi appellanti huwa *vessatorju u intiz unikament biss biex ikompli itawwal il-proceduri. Kif già gie sottomess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellati qatt ma opponew u dejjem kienu pronti li ssir id-divizjoni ta’ l-assi tal-genituri taghhom kif regolat bit-testmenti tat-28 ta’ April 1979 u tal-4 ta’ Dicembru 2002. Wara s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, l-appellati ghamlu minn kollox biex issir id-divizjoni u ntlahaq ftehim fuq kollox izda xorta wahda, l-appellanti baqghu jinsistu li jkomplu b’dawn il-proceduri. Kien ghalhekk li l-appellati ma ipprezentawx ir-risposta taghhom qabel ma gew notifikati bl-avviz tas-smigh ta’ dan l-Appell, peress illi sat-8 ta’ Mejju 2009 kienet ghadha qed tigi skambjata korrispondenza bejn il-kontendenti. Intlahaq ftehim fuq kollox*[3].

13. Fir-rigward ta’ l-aggravju ta’ l-atturi appellanti dwar il-mod kif il-Qorti ta’ prim istanza ddisponiet mill-ewwel talba

[3] Fol. 167 tal-process.

attrici, il-konvenuti appellati jikkontendu li *huwa inkoncepibbli kif l-istess appellanti ppartecipaw u hadu fil-pussess taghhom l-oggetti meta saret id-divizjoni minn missierhom u issa jridu jimpunjaw tali divizjoni li saret bi qbil bejn il-partijiet u anke fir-rigward ta' dawk l-oggetti wara l-mewt ta' missier il-kontendenti. L-oggetti li fadal huma ta' valur zghir u skont l-istess Frances Cutajar "Deheb aktar ma fadalx". L-Ewwel Qorti gustament fehmet l-atteggjament ta' l-atturi appellati/partijiet u kkonkludiet billi kkonkludiet* (sic!) *illi ma kien hemm xejn li rrenda dik id-divizjoni ta' mobbli illegali u rregolari, hlief fir-rigward tal-flus li irceviet is-soru*[4].

14. Dwar id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li s-somma ta' Lm1,600 percepita mill-konvenuta Suor Antoinette Boldarini ghandha tigi depozitata f'wiehed mill-banek lokali biex b'hekk l-istess Suor Boldarini tkun tista' tgawdi l-usufrutt fuq dak id-depozitu, il-konvenuti appellati juru bic-car li ma jaqblux mad-decizjoni li hadet dik il-Qorti, izda jghidu li ma giex interpost appell ghaliex skond huma *din kienet tkun biss pika u biex jittawlu l-proceduri u komplu jikbru l-ispejjez*[5].

15. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju ta' l-atturi appellanti dwar it-tieni u tielet talbiet attrici, il-konvenuti appellati jikkontendu li dan l-aggravju ulterjorment juri li l-appell interpost mill-atturi appellanti mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti huwa intiz unikament biex itawwal l-proceduri u jkabbar l-ispejjez. Fil-fehma taghhom dan l-aggravju ta' l-appell ma ghandux jigi milqugh ghaliex *kull ma ghamlu l-appellanti huwa tentattiv biex jiggranfaw ma' teknikalità legali li in effetti ma tbiddel l-ebda xejn mis-sustanza. Tali abbuz tas-sistema giudizzjarju ma ghandux qatt jigi kondonnat jew accettat*[6].

16. Il-konvenuti appellati ghalhekk jitolbu li l-appell interpost mill-atturi appellanti jigi michud u s-sentenza pronuncjata mill-ewwel Qorti fid-29 ta' Mejju 2007 tigi

---

[4] Fol. 168 tal-process.
[5] Fol. 169 tal-process.
[6] Fol. 169 tal-process.

konfermata; bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellanti u bis-sanzjonijiet kontemplati mill-ligi ghal appelli vessatorji.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

17. Huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet kontendenti li xi jiem wara li mietet ommhom Mary Boldarini tqassmu bejn l-ahwa Boldarini, ad eskluzjoni tal-konvenuta Suor Antoinette Boldarini, xi oggetti tad-deheb u tqassmet bejniethom ilkoll, inkluza Suor Antoinette Boldarini, is-somma ta’ Lm8,000. Huwa inkontestat ukoll illi missierhom Enrico Boldarini ta gizirana tad-deheb lil Suor Boldarini qabel ma sehhet il-qasma ta’ l-oggetti tad-deheb bejn l-ahwa l-ohra.

18. Il-qbil bejn il-partijiet kontendenti dwar dak li sehh f’dik l-okkazjoni jieqaf hawn. Filwaqt illi l-atturi appellanti jikkontendu li l-qasma ta’ l-oggetti tad-deheb u tal-flus kienet ghal kollox arbitrarja ghaliex ma sehhitx in konformità mad-disposizzjonijiet testamentarji relattivi ghas-successjoni ta’ ommhom kif kontenuti fit-testment unica charta datat 28 ta’ April 1979, il-konvenuti appellati jsostnu li d-divizjoni ma kenitx wahda arbitrarja billi l-oggetti tad-deheb u l-flus tqassmu kif tqassmu fuq insistenza u skond ix-xewqa ta’ misserhom Enrico Boldarini, illi kien prezenti, u kull wiehed mill-ahwa accetta u zamm fil-pussess tieghu dak illi rcieva dakinhar.

19. Fir-rigward ta’ l-ghoti tas-somma ta’ Lm1,600 lil kull wiehed u wahda mill-partijiet kontendenti, il-konvenuti appellati jsostnu wkoll li din ma kenitx necessarjament divizjoni ta’ flejjes appartenenti lil Mary Boldarini u b’hekk regolata bid-disposizzjonijiet tat-testment iktar ‘l fuq imsemmi, izda kienet donazzjoni ta’ somma flus mill-missier lill-ulied illi setghet tigi legittimament effettwata.

20. Dwar dan il-punt sollevat mill-konvenuti appellati fir-risposta ta’ l-appell taghhom, din il-Qorti tosserva li fic-cirkostanzi l-hsieb ta’ Enrico Boldarini seta’ kien li qed iqassam bejn uliedu sehmu mis-somma akbar ta’ Lm16,000 li kienet tappartjeni lilu u lil martu, u li l-intenzjoni tieghu kienet appuntu li l-hames uliedu jircievu

kull wiehed u wahda minnhom is-somma ta' Lm1,600 b'titolu ta' donazzjoni izda, billi hadd mill-konvenuti, u wisq inqas Suor Antoinette Boldarini, ma appella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tas-somma ta' Lm1,600 percepita mis-Soru, din il-Qorti ma tistax tittratta ulterjorment dan il-punt u wisq inqas tirrevoka jew tvarja dik id-decizjoni.

21. Dwar l-appell proprju jinghad illi minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li d-divizjoni parzjali ta' l-assi ereditarju ta' Mary Boldarini kienet wahda arbitrarja u li ghalhekk il-partijiet kontendenti ghandhom ikunu kostretti jirrestitwixxu fil-massa ereditarja ta' ommhom kull ma hadu dakinhar. In fatti, kontra dak pretiz mill-atturi appellanti rrizulta ampjament ippruvat illi sia l-oggetti tad-deheb kif ukoll is-somma ta' Lm8,000 tqassmu kif tqassmu bejn l-ahwa Boldarini mhux fuq insistenza ta', jew arbitrarjament minn, xi hadd mill-konvenuti appellati, izda tqassmu b'dak il-mod fuq xewqa espressa ta' missierhom Enrico Boldarini. Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jirrizulta evidenti li l-Qorti ta' prim istanza wkoll ma kenitx affattu konvinta mill-pretensjoni attrici li d-divizjoni parzjali ta' l-assi ereditarju ta' Mary Boldarini kienet wahda arbitrarja. Il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwar il-qasma ta' l-oggetti tad-deheb bejn l-ahwa Boldarini, ad eskluzjoni tal-konvenuta Suor Antoinette Boldarini, u dwar il-fatt li Enrico Boldarini minn jeddu ta gizirana tad-deheb lil bintu s-Soru minkejja dak provdut fid-disposizzjonijiet testamentarji li kienu jirregolaw is-successjoni ta' martu, huma ferm cari u din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ghandha tiddipartixxi minnhom.

22. In effetti din il-Qorti pjenament taqbel mal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti li *strettament huwa veru li s-Soru kellha tiehu sehemha fi flus izda meta saret il-qasma tad-deheb ma kienx qieghed jigi kunsidrat sehemha f'uzufrutt. Inghad li nghatat gizirana tad-deheb [li din tiswa mal-mitt lira kollox skond xhieda u li skond stima ta' Ray's Jewellery Limited tal-31 ta' Mejju 2005 – Dok. MM1 il-valur huwa ta' Lm58.50, u liema gizirana kienet*

*nofs bin-nofs tal-missier u tal-omm]. Zgur li l-uzufrutt tal-kwint tal-mobbli jissupera l-valur tal-gizirana*[7].

23. Din il-Qorti thoss li f'sitwazzjoni fejn il-posizzjoni tal-partijiet kontendenti bhala eredi ta' Mary Boldarini ma gietx affattu ppregudikata, la bil-mod kif tqassmu l-oggetti tad-deheb bejn l-ahwa Boldarini, ad eskluzzjoni ta' Suor Antoinette Boldarini, u lanqas bl-ghoti ta' gizirana minn Enrico Boldarini lil bintu s-Soru, ma ghandux jigi dikjarat li d-divizjoni ta' l-oggetti tad-deheb u l-ghoti ta' dik il-gizirana saru b'mod arbitrarju u konsegwentement il-partijiet kontendenti ma ghandhomx jigu kostretti jirrestitwixxu fil-massa ereditarja ta' ommhom dawk l-oggetti tad-deheb li huma hadu wara mewtha.

24. Anke d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar x'ghandu jsir mis-somma ta' Lm1,600 percepita minn Suor Antoinette Boldarini turi li dik il-Qorti ikkunsidrat illi fondamentalment id-divizjoni tas-somma ta' Lm8,000 bejn l-ahwa Boldarini ma kenitx wahda arbitrarja u tali li ghandha twassal ghar-restituzzjoni ta' dak minnhom percepit, partikolarment minn Suor Antoinette Boldarini, fil-massa ereditarja tal-gentiuri taghhom, kif invece pretiz mill-atturi appellanti.

25. Fir-rikors ta' l-appell taghhom l-atturi appellanti jikkontendu li *l-fatt biss illi l-ewwel talba taghhom giet milqugha parzjalment hija prova cara li huma rnexxielhom jippruvaw illi kienet saret divizjoni arbitrarja wara l-mewt ta' omm il-partijiet. Kieku l-ewwel Qorti ma accettatx din it-tezi ma kenitx tilqa' parzjalment din it-talba*[8] *… Minhabba l-fatt biss illi l-ewwel Qorti ordnat illi Suor Boldarini ghandha tiddepozita l-flus illi hija hadet huwa bizzejjed sabiex jinghad illi d-divizjoni ghandha terga' ssir*[9]. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li minn qari akkurat ta' l-atti processwali u partikolarment tas-sentenza appellata jirrizulta car illi l-interpretazzjoni li l-atturi appellanti jaghtu tas-sentenza appellata, u in partikolari tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar x'ghandu jsir mis-somma ta' Lm1,600 percepita minn Suor Antoinette Boldarini, hija ghal kollox

---

[7] Fol. 151 tal-process.
[8] Fol. 160 tal-process.
[9] Fol. 161 tal-process.

zbaljata. It-talbiet attrici huma fis-sens illi l-ewwel jigi ordnat li ssir ir-restituzzjoni fil-massa ereditarja ta' kull ma hadu arbitrarjament il-partijiet wara l-mewt ta' ommhom, u in segwitu jigi ordnat li ssir id-divizjoni ta' l-eredità ta' Mary Boldarini skond it-testment unica charta datat 28 ta' April 1979 u li ssir id-divizjoni ta' l-eredità ta' Enrico Boldarini skond it-testment datat 4 ta' Dicembru 2002. Huwa evidenti li l-iskop ta' l-atturi appellanti wara l-proceduri odjerni huwa li jottjenu ir-reintegrazzjoni tal-massa ereditarja tal-ġenituri taghhom – ossia r-reintegrazzjoni tal-patrimonju tal-ġenituri taghhom li jista' jigi diviz bejn min ghandu dritt ghalih – bl-iskop li una volta reintegrata tali massa ereditarja jsiru d-divizjonijiet rispettivi tal-ġenituri taghhom skond it-testmenti tat-28 ta' April 1979 ghas-successjoni ta' l-omm, u ta' l-4 ta' Dicembru 2002 ghas-successjoni tal-missier.

26. Bid-decizjoni li tat l-ewwel Qorti, però, l-atturi appellanti ma rnexxilhomx jottjenu l-iskop minnhom intiz bl-ewwel talba attrici ghaliex dik il-Qorti ma ordnatx li s-somma ta' Lm1,600 percepita minn Suor Antoinette Boldarini tigi restitwita fil-massa ereditarja tal-ġenituri tal-partijiet kontendenti izda, ordnat li Suor Boldarini ghandha tiddepozita l-flus f'wiehed mill-banek lokali b'mod li jkollha l-uzufrutt ta' dan id-depozitu.

27. B'din id-decizjoni l-Ewwel Qorti gustament irrikonoxxiet li anke d-divizjoni tas-somma ta' Lm8,000 bejn l-ahwa Boldarini ma kenitx wahda arbitrarja u tali li ghandha twassal ghar-restituzzjoni ta' dak percepit minn kull wiehed minnhom, partikolarment minn Suor Antoinette Boldarini, fil-massa erediatarja tal-ġenituri taghhom izda, esegiet li Suor Boldarini tgawdi d-drittijiet taghha fuq il-wirt ta' ommha bil-mod kif provdut fl-Artikoli 5 u 6 tat-testment unica charta datat 28 ta' April 1979[10] u ghalhekk ordnat li s-somma ta' Lm1,600 tigi depozitata f'wiehed mill-banek lokali b'mod li tgawdi l-uzufrutt ta' dan id-depozitu.

[10] Fol. 7 u 8 tal-process.

28. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda inkongruwenzi fis-sentenza appellata li ghandhom iwasslu ghall-varjazzjoni ta' dik is-sentenza u ghaldaqstant l-ewwel aggravju ta' l-appell sollevat mill-atturi appellanti qed jigi michud.

29. Bit-tieni aggravju ta' l-appell taghhom l-atturi appellanti jikkritikaw lill-Qorti ta' prim istanza ghaliex ma laqghetx it-tieni u tielet talbiet attrici. Huma jikkontendu *l-atturi b'din il-kawza talbu lil ewwel Qorti sabiex tordna li ssir id-divizjoni tal-eredita tal-genituri taghhom, izda ghalkemm irrizulta mill-provi li din id-divizjoni proprjament ma saritx ghaliex hemm numru ta' affarijiet mobbli u immobbli li ghadhom ma gewx divizi bejn il-partijiet, din it-talba ghad-divizjoni ma gietx milqugha*[11].

30. Din il-Qorti ma taqbilx mal-atturi appellanti li bis-sentenza appellata l-ewwel Qorti <u>ma laqghetx</u>, ossia <u>li cahdet</u>, it-tieni u tielet talbiet taghhom ghad-divizjoni ta' l-eredità ta' Mary Boldarini skond it-testment unica charta datat 28 ta' April 1979 u ghad-divizjoni ta' l-eredità ta' Enrico Boldarini skond it-testment datat 4 ta' Dicembru 2002. Minn qari tas-sentenza appellata johrog ferm car li l-ewwel Qorti <u>naqset ghal kollox milli tindirizza u tikkonsidra</u> l-provi li ampjament juru li mhux l-assi ereditarju kollu tal-konjugi Boldarini gie diviz bejn uliedhom, ghaliex bhala fatt fadal kemm flus, oggetti mobbli kif ukoll proprjetà immobiljari li ghad jridu jigu divizi bejn il-partijiet kontendenti skond it-testmenti rispettivi taghhom[12], u konsegwentement <u>naqset milli tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talbiet attrici</u>.

31. Ghalhekk is-sitwazzjoni rizultanti hija wahda ta' *omissa decisione* u mhux tac-cahda tat-tieni u tielet talbiet attrici.

32. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi jipprovdi li: ***Meta l-Qorti ta' l-ewwel grad thalli***

[11] Fol. 131 tal-process.
[12] Ara n-nota ta' l-atturi a fol. 85 sa' 95 tal-process u l-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Frar 2008 a fol. 97 tal-process.

***barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell*** **ab omissa decisione*****: Izda, kull wahda mill-partijiet tista, fi zmien hmistax il-jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti ta' l-ewwel grad li taqta dik it-talba, u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f'dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar ta' l-ahhar decizjoni: Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista, f'kull zmien li jkun, titlob quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors guramentat, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.***

33. Fid-dawl ta' dak provdut fil-precitat artikolu tal-ligi, huwa evidenti li l-procedura li kellhom isegwu l-atturi appellanti ma kellhiex tkun dik ta' appell quddiem din il-Qorti izda ta' talba quddiem il-Qorti ta' prim istanza kif provdut f'dak l-artikolu tal-ligi. Fil-kaz odjern japplikaw in partikolari d-disposizzjonijiet tat-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 235 imsemmi, billi una volta li l-atturi naqsu milli permezz ta' rikors ipprezentat fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza jitolbu lil dik il-Qorti biex taqta' dawk it-talbiet li thallew barra, kull wahda mill-partijiet issa tista' f'kull zmien li jkun titlob quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad permezz ta' rikors guramentat id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.

34. Ghaldaqstant, it-tieni aggravju ta' l-appell sollevat mill-atturi appellanti qed jigi michud ukoll.

**<u>Decide</u>**

35. Ghall-motivi premessi tichad l-appell interpost mill-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-atturi appellanti solidament bejniethom.

---------------------------------TMIEM---------------------------------